MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 558/1987/1

Geraldo Muscat
vs
Amadeo Cassar

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha ppremetta:

Billi fuq inkarigu tal-konvenut l-attur kien hadem xoghol ta' kostruzzjoni u forna l-materjal relattiv fuq plot numru 115 mill-art maghrufa "Wilga tal-Vecc" f'Bugibba limiti ta' San Pawl il-Bahar, tal-valur komplessiv ta' Lm4,341.37.8 (Dok A u B);

Billi mill-imsemmi valur komplessiv sa llum il-konvenut hallas biss is-somma ta' Lm2,700 b'mod li ghadu minnu dovut lill-attur ir-rimanenti bilanc ta' Lm1,641.37.8;

Billi nonostante diversi talbiet ghall-hlas il-konvenut naqas u baqa’ ma hallasx;

L-attur talab lill-Qorti biex:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm1,641.37.8 bilanc minn somma akbar, rappresentanti valur ta’ xoghol esegwit u materjal relattiv fornit mill-istess attur fuq inkarigu tal-konvenut fuq plot 115 mill-art maghrufa “Wilga tal-Vecc” f’Bugibba limiti ta’ San Pawl il-Bahar.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-prezenti sal-effettiv pagament, kontra l-konvenut li gie ngunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, lista tax-xhieda, u dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

1. Preliminarjament, in-nullita` tal-atti tac-citazzjoni, peress li l-konvenut kien gie notifikat biss b’kopja tac-citazzjoni minghajr ma kien hemm mehmuza d-dikjarazzjoni guramentata tal-attur, kif kien rikjest mil-ligi;

2. Illi, fil-mertu u bla pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici kienet infondata fil-fatt u fid-dritt u kellha tigi michuda bl-ispejjez kontrih, stante li l-konvenut ma kellu jhallas xejn izjed lill-attur u l-hlas maghmul mill-istess konvenut kien, bi qbil bejn il-kontendenti, maghmul ghas-saldu ta’ kull haga pendenti bejniethom, kif kellu jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzzjoni;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur li fiha ssemma li fuq inkarigu tal-konvenut hu kien hadem xoghol ta' kostruzzjoni u forna l-materjal relattiv fuq plot numru 115 mill-art maghrufa "Wilga tal-Vecc" f'Bugibba limiti ta' San Pawl il-Bahar, tal-valur komplessiv ta' Lm4,341.37.8 (Doki A u B). Dan kellhom jixhduh ukoll il-Perit Censu Galea u Tony Baldacchino. Illi mill-imsemmi valur komplessiv, sa llum il-konvenut hallas biss is-somma ta' Lm2,700 b'mod li ghadu minnu dovut bilanc ta' Lm1,641.37.8. Illi nonostante diversi talbiet ghall-hlas il-konvenut naqas u baqa' ma hallasx. Ghalhekk l-attur kien kostrett jistitwixxi din il-procedura.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut li fiha ssemma li hu ma kienx ircieva kopja tad-dikjarazzjoni li l-attur kien obbligat li jaghmel mac-citazzjoni, liema kopja skond il-ligi hija responsabbilita` ta' l-istess attur li jinnotifikah biha. Kien ircieva biss kopja fotostatika tac-citazzjoni u fuqha kien qed iressaq l-eccezzjonijiet tieghu u jaghmel id-dikjarazzjoni, u minhabba f'dan in-nuqqas kien hemm in-nullita` ta' l-atti tac-citazzjoni. Illi ghar-rigward ta' dak li ppremetta l-attur fic-citazzjoni, qal li hu ma kienx fadallu jhallas xejn izjed u dan peress li hu kien mill-ewwel ikkontesta l-kont li pprezentalu u, fil-fatt, bi ftehim bejniethom, kien hallasu l-ahhar Lm700 ghas-saldu, kif kellu jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzzjoni. Illi l-attur stess kien accetta li jiltaqa' mieghu ghand l-Avukat tieghu fil-bidu ta' April ta' dik is-sena biex ihallsu s-Lm700 ghas-saldu u hu jhallielu ricevuta. Illi, kif miftiehem, l-attur u hu kienu ltaqghu fis-6 ta' April ghand l-Avukat u wara li kien ha s-Lm700 fi flus kontanti, kien habat ghalih u rrifjuta li jiffirma l-iskrittura li kienet thejjiet. Kienu ttiehdu proceduri bil-Pulizija dwar dak l-incident u kien hemm sentenza. Illi wara xi zmien, l-attur kien baghtlu ricevuta ghas-Lm700 li kien ha fl-ahhar pagament, imma kien ghamilha bhala "hlas akkont", u hu ma kienx accettaha ghax kienet kontra l-ftehim ta' bejniethom, u kien rega' baghtielu lura u baqa'

jinsisti mieghu li jaghmillu ricevuta ghas-saldu. Illi ghalhekk, it-talba tieghu fic-citazzjoni hija bla bazi u ingustifikata.

Rat id-digriet tal-24 ta' Marzu 1988 li bih gie nominat l-A.I.C. Michael A. Refalo bhala Perit Tekniku. Rat id-digriet tas-27 ta' Ottubru 1994 li permezz tieghu gie nominat bhala perit addizzjonali Dr. Joseph Ciappara in sostituzzjoni ta' Dr. Richard Camilleri. Rat id-digriet tad-19 ta' Frar 1999 li permezz tieghu gie nominat Dr. Paul Gauci Maestre bhala Perit Legali.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Paul Gauci u tal-Perit Michael A. Refalo li fih ghamlu s-segwenti konsiderazzjonijiet u sottomissjonijiet:
"L-attur f'din il-kawza qieghed jitlob lill-konvenut ihallsu s-somma ta' Lm1,641.38 bilanc minn somma akbar prezz ta' materjal u mano d'opera ghax-xoghol ta' kostruzzjoni fuq il-plot tal-konvenut li tinsab Bugibba. Il-konvenut min-naha tieghu jghid illi dan l-ammont mhux dovut ghaliex bi qbil bejn il-partijiet l-ahhar pagament li ghamel l-istess konvenut sar ghas-saldu ta' kull haga pendenti bejn il-kontendenti…

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenut kien inkariga lill-attur biex jibnilu l-plot konsistenti f'basement u zewg sulari gebel u saqaf. Ftehmu l-prezzijiet bejniethorn u skond l-attur, ghamlu skrittura li pero` qatt ma giet esebita. Il-konvenut jghid illi fil-bidu ta' Jannar 1986 mar fuq sit fejn kellu jsir il-bini u flimkien mal-Perit Censu Galea u l-attur ftehmu dwar il-kwalita`, il-kwantita` u l-ispiza biex tinbena din il-plot.

Skond l-istess konvenut l-istima ta' xoghol giet ikkonfermata bil-miktub mill-Perit Censu Galea, u li tinsab esebita bhala Dok. D2 u D3 a fol 82 u 83 tal-process.

Jirrizulta illi waqt il-kors tax-xogholijiet saru progress payments mill-konvenut fl-ammont ta' Lm2,000 u dana skond tlett ircevuti esebiti mill-istess konvenut ma' l-affidavit tieghu u mmarkati bhala Dok. D6. Mhux kontestat bejn il-partijiet illi sar pagament iehor ta' Lm700

mill-konvenut lill-attur. Il-partijiet jaqblu illi sar hlas ta’ Lm2,700.

Jigi rilevat illi l-attur f’din il-kawza mhux qed jinsisti ghad-drittijiet kollha tieghu naxxenti mill-kuntratt ta’ appalt li sar bejn il-kontendenti. Il-pretensjoni tieghu hija limitata ghal bilanc ta’ prezz fuq is-somma globali tax-xoghol li huwa effettivament kien ghamel. Il-konvenut min-naha tieghu l-anqas ma qieghed jinsisti illi jew jippretendi xi kumpens talli l-attur naqas milli jesegwixxi l-kuntratt ta’ appalt lilu moghti. Jghid il-konvenut illi meta hallsu l-ahhar pagament dan kien ghas-saldu ta’ kull pretensjoni li kien hemm bejniethom. Il-kwistjoni bejn il-partijiet ghalhekk tissolvi ruhu fuq jekk verament dak li qed jghid il-konvenut huwiex minnu.

Minn ezami bir-reqqa tal-provi jirrizulta illi l-attur effettivament ghamel dawk ix-xogholijiet li dwarhom qieghed jippretendi l-hlas. Il-konvenut ma kienx kuntent bl-atteggjament ta’ l-attur u dana principalment minhabba d-dewmien tieghu u kif jghid fl-affidavit tieghu a fol 63 tal-process huwa kien jipprotesta mieghu dwar id-dewmien. Skond l-istess konvenut kif l-attur lesta l-livell tal-basement u hariglu l-ewwel kont fid-19 t’Awissu 1986 dan rah eccessiv. Inoltre meta mar jispezzjona x-xoghol dan ma ghogbux u rah imharbat u differenti milli kif kien imfassal fuq il-pjanta u skond l-istess konvenut “kien hemm diskrepanzi kbar bejn il-qisien prospettati fil-pjanta tal-perit u dak li beda jirrizultali mill-qisien li kont qed niehu jien fuq is-sit”. Ghalhekk huwa nkariga lill-Perit Edwin Calleja li rrilaxxa rapport dwar l-ilmenti tal-konvenut liema rapport jinsab esebit bl-ittra D8 u jinsab a fol 87 et seq tal-process.

Il-konvenut isostni li sehaq hafna ma’ l-attur biex jirrangalu dawn id-difetti u baqa’ jhallsu akkont biex jitkompla x-xoghol, peress illi kellu ‘time limit’ biex ilesti mill-Awtorita` tad-Djar, ghaliex jekk ma jlestiex fil-hin kien ser jehel multa ta’ Lm7 fil-gimgha.

Kien fit-23 ta’ Marzu 1987 li l-konvenut, wara li rcieva kont ta’ Lm2,000 li cempel lill-attur u qallu li ma hux ser jaghtih

centezmu iehor qabel jirranga x-xoghol. Hawn inqala' l-inkwiet serju bejn il-partijiet. Saru diversi sforzi biex jigu rrangati l-pendenzi bejn il-partijiet. Il-konvenut dejjem baqa' jsostni illi huwa ma kienx bi hsiebu jhallas centezmu iehor qabel ma l-attur jirranga d-difetti.

Mhux ikkontestat bejn il-partijiet illi saru laqghat fl-ufficcju ta' l-avukat tal-konvenut. L-ahhar laqgha saret fis-6 t'April 1987 fejn skond l-istess konvenut kien intlahaq ftehim aktar qabel fis-sens illi la darba l-attur ma riedx jirranga d-difetti huwa kien accetta Lm500 ghax-xoghol li kien ghamel pero` l-konvenut kien accetta li jaghtih Lm700 biex jaqtghu l-kwistjonijiet darba ghal dejjem. Missier il-konvenut jikkonferma li ntlahaq dan il-ftehim peress illi kien sema hu stess dan id-diskors fuq it-telefon. F'din l-istess laqgha fil-prezenza ta' l-avukat tal-konvenut, irrizulta illi l-attur hataf Lm700 li kienu gew fdati f'idejn l-istess avukat u telaq 'il barra minghajr ma ffirma ebda ricevuta. Skond l-istess konvenut l-attur xejjer daqqa ta' ponn lill-konvenut u dana l-incident gie rrapportat lill-Pulizija. L-attur jghid illi huwa fehem illi kien ser 'jiehu Lm700 minn dak li kellu jiehu". Dan naturalment ifisser illi skond l-attur huwa ma kienx ircieva Lm700 ghas-saldu. L-esponent pero` ma jistax jifhem ghaliex jekk dak li qed jghid l-attur hu minnu, ghalfejn kellu jagixxi b'dak il-mod la darba kien prezenti l-avukat tad-difensur. Bhala ufficjal pubbliku, avukat ghandu responsabbilta` u ghandu obbligu li jara illi l-affarijiet isiru sew. L-esponent isib il-verzjoni tal-konvenut aktar kredibbli minn dik ta' l-attur. Dan isib konfort anke fil-protest li ghamel l-istess konvenut kontra l-attur u li kopja inforrnali tinsab esebita a fol 99 u 100 tal-process. Dawn il-fatti ma jidhrux illi gew kontradetti mill-attur u ma jirrizultax li gie prezentat xi kontro protest.

Jigi rilevat illi kif ivverbalizzat fis-seduta ta' l-20 t'Ottubru 1996 il-partijiet qablu illi l-fond mertu ta' din il-kawza ma ghadux fil-pussess tal-konvenut, inbiegh u rega' inbena biex b'hekk il-perit tekniku ma setax jaccedi fuq il-post. Fic-cirkostanzi r-rapport tal-Perit Edwin Calleja (Dok. 8 a fol 87) hija l-unika prova li seta' jaghmel il-konvenut. Fl-umli opinjoni ta' l-esponenti, il-provi migjuba mill-attur ma

jwasslux biex iwaqqghu l-kontenut tar-rapport. Minkejja dan, il-kwistjoni principali f'din il-kawza tibqa' principalment jekk verament l-ahhar pagament li ghamel il-konvenut kienx ghas-saldu tal-pretensjonijiet li kellhom il-kontendenti.

Fattur iehor illi jinkwieta lill-esponenti kien il-fatt illi f'din il-kawza saru 25 seduta u jidher illi d-dewmien principali kien dovut lill-attur. Kif jidher a fol 37 tal-process, il-Perit Tekniku permezz ta' rikors li gie pprezentat fil-15 ta' Lulju 1992 kien irrileva illi mill-hmistax-il seduta li kienu saru, seba' minnom saru inutilment ghaliex jew ma deherx l-attur jew id-difensur tieghu jew ghax l-attur ma pproduciex provi.

L-esponenti huma konvinti li l-verzjoni tal-konvenut hija aktar kredibbli u ghandha tigi emmnuta, u t-talbiet attrici m'ghandhomx jigu milqugha. Fejn ghandek zewg verzjonijiet possibbli jew dijametrikament konflingenti, il-Qorti ghandha tichad it-talba skond il-principju "***actor non probente reus absolvitur***" (**Dr. H. Lenickerr vs Joseph Camilleri** P.A. 31 ta' Mejju 1972; **Jovin Rausi noe vs John Muscat** App. 22 ta' Novembru 1995, **George Mifsud noe vs Philip Micallef** App. Sede Inf. 1 ta' Lulju 1997 u **Gemma Cassar Saelta vs Imco Distributors Ltd** App Sede Inf. 13 ta' Jannar 1989. In oltre kif gie ritenut fl-Appell tal-25 ta'Frar 1952 (Vol XXVI.1.319) il-gudikant fil-kamp Civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex u mhix fuq sempliciment possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizejjed bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet.

Ghaldaqstant it-talbiet attrici m'ghandhomx jigu milqugha."

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Louis Theuma vs Anthony Borg</u>** irriteniet illi:

"l-appellant jilmenta, u f'dan ghandu jinghata ragun, illi l-ewwel Qorti illimitat il-gudikat taghha ghal adozzjoni tar-rapport peritali li hi dikjarat li kienet accettabbli ghaliha

taht kull aspett. F'okkazzjonijiet simili kien hemm gudikati ta' din il-Qorti fejn is-sentenza appellata tkun iddikjarata nulla u l-atti rimessi lill-Ewwel Qorti in kwantu s-sentenza tkun tiddifetta mill-element essenzjali taghha, dik li taghti motivazzjoni xierqa ghad-decizjoni taghha. Il-Qorti kellha kull dritt li taddotta rapport peritali li jkun sewwa investa t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut skond l-inkarigu moghti pero' tali adozzjoni kellha tkun wahda kritika fis-sens wiesgha tal-kelma u s-sentenza kellha allura taghmel accenn ghas-sottomissjonijiet tal-kontendenti dwar ir-rapport peritali u taghti raguni anke b'mod sintetiku ghaliex ciononostante l-Qorti kienet tal-fehma li tinkorpora l-qalba tar-relazzjoni bhala l-motivazzjoni tas-sentenza taghha, kif ghamlet il-Qorti f'dan il-kaz". [Ara wkoll PA – LFS – 22/6/04 Clive Simpson vs John Saliba noe et]

In vista ta' dan il-Qorti ezaminat il-provi imressqa quddiem il-Perit Legali u kif ukoll ezaminat is-sottomissjonijiet imressqa mill-istess kontendenti.

Din hija kawza ta' talba ghall-hlas ta' kreditu ghal servizzi prestati fir-rigward ta' kostruzzjoni, u materjal fornit. Fiha, l-attur qed jippretendi li ghad baqaghlu jircievi bilanc ghal xogholijiet esegwiti minnu fuq inkariku tal-konvenut. Dan ta' l-ahhar, fil-fatt, accetta li l-attur minnu kommisjonat esegwixxa x-xogholijiet fuq plot 115 mill-art Maghrufa "Wilga tal-Vecc" f' Bugibba, Limiti ta' San Pawl il-Bahar. Izda, il-konvenut sostna wkoll li m'ghad fadallu jhallas xejn iktar lill-attur, peress li l-ahhar hlas li gie maghmul sar ghas- saldu ta' kull haga pendenti bejniethom.

Il-Qorti tosserva li fin-nota ta' eccezzjonijiet ma hemmx eccezzjonijiet li x-xoghol kien ma sarx kif pattwit jew skond is-sengha u l-arti jew skond il-permessi. Wkoll ma saret ebda kontrotalba u ghalhekk allegazzjonijiet dwar li xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti jew mhux kif pattiwt m'ghandhomx jigu ezaminati. Jinkombi f'din il-kawza li l-Qorti tezamina u tevalwa l-provi dwar jekk l-ammont reklamat qattx kien dovut, qattx gie mhallas, inkluz billi sar hlas ghas-saldu wara ftehim bejn il-partijiet u mhux l-intier. Jigi osservat ukoll li gie esebit certifikat

tal-Perit Edwin Calleja bhala Dokument 8 a fol 87, liema certifikat ma giex konfermat mill-istess perit, apparti milli jsemmi diversi difetti li ma jissemmewx fin-nota ta' eccezzjonijiet ghax kif inghad, it-tieni eccezzjoni tal-konvenut mhix bazata fuq xoghol hazin izda li m'ghad fadallu jhallas xejn lill-attur ghax bi qbil bejn il-kontendenti l-hlas li kien sar kien wiehed ghas-saldu kif kellu jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Issa l-attur talab is-somma ta' Lm1641.37,8 bilanc minn somma akbar rapprezentanti valur ta' xoghol ezegwit u materjal relattiv fuq l-art indikata. Dan ix-xoghol sar fuq inkarigu tal-konvenut, liema xoghol ta' kostruzzjoni u materjal kienu tal-valur komplessiv ta' Lm4341.37,8 kif indikat f'Dokumenti A u B u konfermat mill-Periti Censu Galea u Tony Baldacchino. Dan il-kont fil-fatt ma giex kontradett izda biss gie kontestat li sar il-hlas ghas-saldu. Jirrizulta li mill-kont totali giet imhallsa s-somma ta' Lm2700 u ghalhekk skond l-attur kien ghad fadal hlas ta' Lm1641.37,8.

Issa l-konvenut sostna li meta sar l-ahhar hlas ta' Lm700 dan kien ghas-saldu. Kif sewwa sostna ghalkemm f'sens iehor il-Perit Legali fil-kamp Civili min jallega jrid jipprova u f'dan il-kaz kien jinkombi fuq il-konvenut li jgib il-prova tal-hlas tal-ammont dovut inkluz li l-hlas li sar kien wiehed ghas-saldu u mhux akkont. Tali prova ma saritx mill-konvenut. Huwa inutili li jsemmi affarijiet ohra bhal xoghol difettuz u mhux pattwit meta l-pern tal-kwistjoni fil-fehma tal-Qorti hija din.

F' dan il- kuntest, ta' min ighid li fl-affidavit tieghu l-konvenut semma li huwa hallas diversi pagamenti lill- attur li jammontaw ghal elfejn lira Maltin (LM2,000) hekk kif jidher mir-ricevuti esebiti wara fol 85. Il-konvenut qal hekk: "….illi x-xoghol esegwit kellu jkun ta' livell gholi u bla difetti; illi x- xoghol tal- bini kollu gebel u saqaf kellu jitlesta sa Dicembru tal- 1986, data li kienet imqeghda bhala "deadline" fuqi mill- P.A.P.B. ghall-kompletament tax-xogholijiet kollha tal-gebel u saqaf tad-dar fuq l-imsemmi plot b' riskju ta' sanzjonijiet jekk tali data ma

tkunx onerata….” (a fol 61). Fil-fatt, a fol 68 ta’ l-affidavit kompla ighid:
“Fl-ewwel gimgha ta’ Jannar ircevejt l-ahhar “warning” mill-Housing Authority li jekk sa xahar mid-data li kienet tidher fl-ittra ma nkunx dhalt nabita fil-post, kont ser nibda nehel multa ta’ LM7 fil-gimgha”.

L-attur min-naha tieghu, ikkonferma li bena parti mill-basement, inkluz parti mis-saqaf . In konto-ezami, l-attur qal:
“Kont naf li l-konvenut kien imghaggel. Ma niftakarx il-konvenut tanix zmien biex fih nikkompleta x- xoghol”.

Kompla ighid li ma kienx jaf bl-ebda data li kellu jtemm il-bini sa Dicembru 1986. “Zmien ma kienx hemm, ma niftakarx li kien hemm data. Lanqas niftakar li kien hemm xi kondizzjonijiet elenkati fil-ftehim. La niftakar sa Dicembru 1986 kemm kont ikkompletajt mix-xoghol u lanqas niftakar meta waqaft”. (a fol 197).

Inoltre, meta l-konvenut kien qed imur jispezjona x-xoghol li kien qed isir, ma bediex joghgbu, u beda jsib li kien hemm diskrepanzi kbar bejn il-qisien prospettati fil-pjanta u dawk il-qisien li beda jkejjel huwa fuq is-sit. Ghal dan il-ghan, il-konvenut inkariga lill-Perit Edwin Calleja jaghmel rapport wara indagini li saret fuq is-sit. (a fol 87 sa 90).

Illi rrizulta li l-kwistjonijiet bejn il-kontendenti bdew mill-bidu. Illi l-attur dejjem talab lill-konvenut ghall-hlas, sabiex ikompli bix-xoghol tieghu. L-attur stess qal li kien ighaddi l-kontijiet lill- konvenut, illi l-konvenut kien ihallas parti mill-kont, u meta gara li l-attur kien ikun lura fil-hlas kien iwaqqaf ix-xoghol. Min-naha l- ohra, l-konvenut, dejjem kien jilmenta li ma kienx sodisfatt bix- xoghol, dan peress li beda jara li kien hemm diskrepanzi kbar bejn il-qisien prospettati fuq il-pjanta tal-perit u dak li beda jirrizultalu mill-qisien li kien qed jiehu fuq is-sit. U ghalhekk, sostna li l-attur ma segwiex il-pjanta hekk kif approvata mill-P.A.P.B. Il-konvenut elenka lista ta’ diskrepanzi li sab fuq is-sit, fl-affidavit tieghu (a fol 64-65).

Il-Perit Galea kkonferma li l-hlas tal- kontijiet li jidhru a fol 4 sa 8, b'mod generali, jaqblu max-xoghol li sar wara li ssorvelja l-post. Hu kkonferma wkoll li jaf li nqalghu diversi kwistjonijiet bejn il-partijiet u sahansitra qal:
"Kien evidenti li ma kenitx ser tkompli r- relazzjoni bejn il-partijiet tant kienu qed jinqalghu kwistjonijiet bejniethom". (a fol 207).

Illi kwistjoni mertu tal-kaz odjern, huwa li s-seba' mitt lira (LM700) li thallsu mill-konvenut lill-attur fl-ufficju ta' l-avukat ta' Dr. J. R. Micallef fir-Rabat, kinux thallsu ghas-saldu tal- pretensjonijiet kollha, peress illi dan jistabilixxi jekk l-attur ghadx fadallu jircievi hlasijiet jew le. Fir-rigward ta' dan, l-attur cahad li hu qatt accetta l-pagament li sarlu fl-ufficju ta' l-avukat J. R. Micallef kien a saldu. Huwa nnega wkoll li qabel ma saret l- iskrittura, kien mar fl-ufficju ta' l-avukat Micallef, u qal li meta ha s- seba' mitt lira  (Lm700) kienet l-ewwel darba li hu mar fl-ufficju ta' l-avukat Micallef.  Wara li kien sar protest il-Qorti ( a fol 99 u 100) l-attur baghat ricevuta akkont ghas-somma ta' seba' mitt lira  (LM700), jigifieri mhux ikkontestat li s-somma ta' elfejn u sebgha mitt lira (LM2,700) thallsu mill-konvenut.

Izda, l-attur  sostna li dawk l-ahhar seba' mitt lira (LM 700) ma kinux ghas-saldu ta' dak kollu li kien baqa', u ghalhekk qed isostni li ghandu jithallas aktar mill-konvenut.  Illi jidher li peress li l- ammont ta' seba' mitt lira maltin (LM700) kien gie saldat anke peress li l-fatt gie attestat mill-avukat J. R. Micallef ghax dan kollu sehh fl-ufficju tieghu.  Ghalhekk, il-verzjoni moghtija mill-attur ma tantx tista' titqies kredibbli anke peress li l-partijiet ma kinux wehidhom meta sehh dan il-fatt, imma proprju kienu fl-ufficju ta' l-avukat.  F'dan l-istadju l-Qorti tirrileva li kif jidher mid-dokument D15 a fol … il-konvenut kien ipprezenta protest dwar l-agir ta' l-attur u dan ftit zmien wara l-incidenti li nqalghu fl-ufficcju ta' l-avukat Micallef. Ukoll f'Mejju kien ghamel affidavit dwar il-fatti kif graw. Dan hu ferm sinifikattiv ghax ic-citazzjoni giet prezentata f'Lulju u ghalhekk il-protest u l-affidavit tal-konvenut gew maghmula qabel ma giet istitwita l-kawza mill-attur.

Il-prova tal-kreditu dovut kien jinkombi fuq l-attur li allegah. Hi fil-fatt, gurisprudenza pacifika illi min jallega l-pagament ghandu jipprovah ghas-sodisfazzjon tal-Qorti. Fil-kawza fl-ismijiet **Rosario Spiteri vs Michele Mifsud** deciza mill-Qorti ta' L-Appell fit- 30 ta' Ottubru 1953 inghd illi:
"Meta l-provi testimonjali jkunu f'konflitt reciproku manifest, ikun hemm l-assoluta mankanza tal-prova, u l-konsegwenzi ta' din id-deficjenza wisq ovvjament ghandhom jirrikadu fuq min jaggrava l-oneri tal-prova".

Minhabba dak li ghadu kif li ntqal fil-paragrafu precedenti l-Qorti thoss li hi sodisfatta li l-hlas ta' Lm700 kien ser isir ghas-saldu u mhix sodifatta fil-kaz in ezami li dak allegat gie ppruvat mill-attur.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Andrew Dalli vs Michael Balzan noe** deciza mill-Prim Awla Qorti Civili fil- 31 ta' Jannar 2003 inghad illi:
"….l-attur li jallega d-debitu ghandu fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li jipprova l-kreditu minnu vantat. Inkella fin-nuqqas li jaghmel dan, jibqa' jimpera l-principju "***actor non probante, reus absolvitur***".

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut dwar in-nullita` tal-atti tac-citazzjoni din giet irtirata fl-24 ta' Marzu, 1988.

Illi ghall-motivi msemmija hawn fuq, il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut li sar il-hlas ghas-saldu u ghalhekk ma tistax tilqa' t-talba ta' l-attur.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------